MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 615/2005

Amabile Agius, Giuseppe Agius, Francis Agius, Louis Agius, Maria Agius, Flora Agius, Emanuela Galea, Tereza Pace, Antonia Buttigieg, Giuseppa Zahra u Flora Agius
vs
Joyce Mizzi, Nicholas Agius, Catherine Agius, Therese Camilleri, George Busuttil, John Busuttil u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2009 Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja gew nominati Kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredi ta' John Busuttil u cioe` Louis, Nicholas, George u Dolores ilkoll ahwa Busuttil li huma l-eredi universali ta' missierhom John Busuttil, Lawrence Busuttil, Joseph Busuttil, Luciano Vouchot, Joseph Vouchot, Pierre Vouchot, Margherite Vouchot, Vincent Borg, Dolores Weir, Mary Fgon, u Margherite Van De Wingarrt u Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja li b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2005 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti konvenuti u b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2007 Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Doreen Aquilina gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti tad-decujus John

Busuttil u biex jirrapprezentaw lill-assenti minn dawn il-Gzejjer Francouis Vouchot li huwa eredi universali ta' missieru l-konvenut Joseph Eugene Vouchot u b'digriet tal-1 ta' Novembru, 2007 il-P.L. Doreen Aquilina giet sostitwita mill-P.L. Liliana Buhagiar

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ippremettew:

Illi fil-5 ta' Dicembru 1995 gewwa Luqa, Malta mietet Giovanna Agius, xebba bint il-mejtin Amabile Agius u Flora nee' Zammit kif jidher mic-certifikat tal-mewt li gie anness mac-citazzjoniu mmarkat bhala dokument "A"; u

Illi skond ir-ricerki maghmula fil-Qorti Civili u fir-Registru Pubbliku, l-istess Giovanna Agius mietet b'testment fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino, liema testment huwa datat 27 ta' Ottubru 1981; (Dokumenti "B" u "C");

Illi mill-istess testment (Dok "D") jirrizulta li ma giet inkluza ebda klawsola dwar nomina ta' werrieta universali taghha ghalkemm thallew diversi legati;

Illi l-Qorti Civili – Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja permezz ta' digriet numru disa' mija wiehed u erbghin tas-sena elfejn u erbgha (941/2004) – "Dok E", gie dekretat illi l-werrieta ta' Giovanna Agius huma Joyce mart Andrew Mizzi, Maria, xebba, Amabile, Nicholas, Emanuela mart Fortunato Galea, Joseph, Flora, xebba, Catherine, xebba, Francis, Tereza mart Paul Pace, Antonia mart Spiridione Buttigieg u Louis, ahwa Agius ulied il-mejjet Luigi Agius, dan ta' l-ahhar hu d-*decujus* u dana fi kwota ta' parti wahda minn tlieta u ghoxrin (1/23) indiviza kull wiehed u wahda minnhom favur Theresa mart Lazzaro Camilleri, George, John, Lawrence u Joseph ahwa Busuttil ulied il-mejta Dolores Busuttil nee` Agius, din ta' l-ahhar oht id-*decujus* u dana fi kwoti da parti wahda minn tlieta u ghoxrin (1/23) indiviza kull wiehed u wahda minnhom favur Luciano, Joseph, Pierre u Margherite ahwa Vouchot, ulied il-mejta Tereza Vouchot nee` Agius, din ta' l-ahhar

oht id-*decujus* u dan fi kwota ta’ parti wahda minn tlieta u ghoxrin (1/23) indiviza kull wiehed u wahda minnhom; favur Giuseppa mart Antonio Zahra u Flora ahwa Agius ulied il-mejta Maria Assunta Agius nee` Agius, din ta’ l-ahhar oht id-*decujus* u dan fi kwoti ta’ parti wahda minn tlieta u ghoxrin (1/23) indiviza kull wiehed u wahda minnhom; u favur it-tfal tal-mejta Joyce mart Frank Borg u cioe` favur Vincent, Dolores mart Rohn Weir, Mary mart Bede Fgon, u Margherite mart John Van De Wingarrt u dan fi kwota ta’ parti wahda minn tnejn u disghin (1/92) indiviza kull wiehed u wahda minnhom; u

Illi lill-atturi thallewlhom il-legat kif jidher fit-tieni artikolu tal-precitat testment tad-*decujus*; u

Illi huma talbu lill-konvenuti bhala werrieta sabiex jghaddu ghall-immissjoni fil-pussess favur ta’ l-atturi ta’ l-oggetti mobbli u cioe` tal-flus depozitati f’Banek u / jew investiti b’mod iehor u dana f’porzjonijiet ugwali bejn l-istess atturi, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

L-atturi talbu lill- Qorti:

1. Tordna lill-konvenuti jqieghdu fil-pussess lill-atturi fil-legat lilhom imholli; u

2. okkorrendo tinnomina Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att relattiv u opportun oltre kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja;

3. tiffissa data, hun u lok sabiex jigi pubblikat l-att relattiv u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja bhala Kuraturi Deputati li biha eccepew:

1. Illi f’dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati minn Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores *et noe*, konvenuti ma’ ohrajn li biha eccepew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti li wasslu ghal din il-kawza u ghalhekk jirriservaw li jressqu aktar eccezzjonijiet ’l quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-Kuraturi Deputati.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet (fol 169) ta’ Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja fil-kwalita` taghhom ta’ Kuraturi Deputati ghall-assenti Louis, Nicholas, George, u Dolores ahwa Busuttil ilkoll eredi universali tal-mejjet John Busuttil li biha eccipew:

1. Illi f’dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentati u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lill-atturi jipprovdulhom kull informazzjoni li jista’ ghandhom dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-istess assenti.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-Kuraturi Deputati.

**C. PROVI:**

It-tieni artikolu tat-testment ta’ Giovanna Agius tas-27 ta’ Ottubru, 1981 – fit-tieni artikolu tieghu jghid hekk:

“It-testatrici Giovanna Agius thalli b’titolu ta’ legat il-flus kollha taghha depozitati f’Banek u/jew investiti b’mod iehor, fi kwalunkwe post f’porzjonijiet ugwali bejn dawn li gejjin u cioe`: ohtha Maria armla ta’ Giovanna Agius, il-mara ta’ huha Marianna armla ta’ Luigi Agius, ulied huha Luigi Agius li huma Amabile, Giuseppe, Francis, Louis, Maria, Fiona, Emanuela mart Fortunato Galea, Teresa mart Pawlu Pace u Antonia mart Spiro Buttigieg kif ukoll liz-zewg ulied ohtha Maria Agius li huma Giuseppa mart Antonio Zahra u Flora xebba, bl-akkrexximent bejn l-istess tlettax-il legatarju f’kaz ta’ premorcenza ghal xi wiehed jew wahda minnhom ghat-testatrici.”

Gie prezentat affidavit ta’ Francis Agius, fejn semma:

“Jiena nigi n-neputi tal-mejta Giovanna Agius. Giovanna kienet oht missieri Luigi u ma kenitx mizzewga u ma kellhiex tfal. Hija kienet mietet fil-5 ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995) fl-eta` ta’ sitta u tmenin sena (86) u kellha karta ta’ l-identita’ bin-numru 741908M). Il-*causa mortis* kienet saret b’att maghmul quddiem in-Nutar Dottor Paul Pullicino li jgib id-data ta’ 12 ta’ April 1996...

Skoprejt illi kien hemm xi flus depozitati fil-Mid Med Bank Limited u li jiena u huti flimkien ma’ ohrajn kellna legat imholli lilna miz-zija Giovanna. Jiena kont tkellimt mal-Mid-Med Bank Limited u kienu qaluli li sabiex niehdu l-flus kellna nipproducu diversi dokumenti. Kien ghalhekk li qabbadna Nutar u Avukat biex jiehdulna hsieb. Mir-ricerki rrizulta li z-zija Giovanna kienet ghamlet testament pubbliku fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Paul Pullicino liema testament kien datat sebgha u ghoxrin (27) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija wiehed u tmenin (1981) filwaqt li l-ebda testament sigriet ma gie registrat. Meta gibna kopja tat-testment maghmul fl-atti tan-Nutar Pullicino irrizulta li skond it-tieni artikolu z-zija Giovanna kienet halliet legat tal-flus kollha taghha depozitati f’Banek u jew investiti b’mod iehor fi kwalunkwe post f’porzjonijiet ugwali bejn:

a. ohtha Maria armla ta’ Giovanni Agius

b. il-mara ta' huha Marianna armla ta' Luigi Agius
c. ulied huha Luigi Agius li huma jiena, Amabile, Giuseppe, Louis, Maria, Flora, Emanuela Galea, Tereza Pace, u Antonia Buttigieg; u
d. ulied iz-zija Maria Agius li huma Giuseppa Zahra u Flora bl-akkrexximent bejn it-tlettax-il legataru f'kaz ta' promorienza ghal xi wiehed jew wahda minnhom ghat-testaturi.....”

Semma li minhabba nuqqas ta' ftehim mal-legatarji u werrieta l-ohra ddecidew li jipprocedu u ntbaghtu diversi ittri legali. Il-Bank qalulhom li qabel ma ssir l-apertura tas-successjoni ta' Giovanna Agius u jinghata l-kunsens mill-eredi jew issir l-immissjoni fil-pussess il-flus ma jistghux validament jithallsu mill-bank lill-legatarji. Ghalhekk komplew bil-proceduri inkluz kontra dawk li kienu ffirmaw il-prokuri favur tieghu u dana billi l-avukat kien tal-parir li kull prokura kellha xi dettal li kien nieqes bhal isem il-genituri u numru ta' passaport jew dokument iehor ta' identifikazzjoni.

Xehedet Audrey Ghigo u qalet:
“Gejt mitluba biex naghmel ricerka dwar Giovanna Agius ID 741908 (M). Hemm *fixed account* bin-numru 056002405100 li ...... fid-9 ta' Settembru 1992 u kellu n-numru qadim 567050106. Nghid il-bilanc illum huwa 16,387.13 Euro. Dan il-kont jaghlaq fit-12 ta' Settembru 2011. Il-bilanc qed nghidu skont *statement* li hareg fil-11 ta' Settembru 2010. Ser nesebixxi dawn l-*istatements* bhala Dok AG1. Dok AG2 huwa *fixed account* bin-numru 056002405101 li kellu n-numru qadim 567051838. Skond *statement* datat 26 ta' Ottubru 2009, il-bilanc kien ta' 5598.86 Euro. Ser nezebixxi dan bhala Dok AG2. Dok AG3 huwa *fixed account* bin-numru 05600245102 bin-numru qadim 567055949. Skond *statement* tas-6 ta' Lulju 2010, il-bilanc kien ta' 20,602.96 Euro. *Fixed account* bin-numru 056002405103 li kellu n-numru qadim 567056937. Skond *statement* datat 9 ta' Awissu 2010, il-bilanc kien ta' 13,135.36 Euro..”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fis-seduta tas-17 ta’ April, 2012 Dr. Ian Micallef ghall-atturi ddikjara li l-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi. In vista ta’ din id-dikjarazzjoni, Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur iddikjara li m’ghandux provi u rrimetta ruhu ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti.

Illi mis-suespost jidher car li Giovanna Agius mietet fil-5 ta’ Dicembru, 1995. Hi kienet xebba u mietet b’testment fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino, liema testment huwa datat 27 ta’ Ottubru, 1981. Mill-istess testment jirrizulta li ma giet inkluza ebda klawsola dwar nomina ta’ werrieta universali taghha ghalkemm thallew diversi legati. Il-Qorti Civili – Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja permezz ta’ digriet numru disa’ mija wiehed u erbghin tas-sena elfejn u erbgha (941/2004) – dekretat min huma l-werrieta ta’ Giovanna Agius; irrizulta mit-testment li l-atturi thallewlhom il-legat kif jidher fit-tieni artikolu tal-precitat testment tad-*decujus* –
il-flus kollha taghha depozitati f’Banek u/jew investiti b’mod iehor, fi kwalunkwe post f’porzjonijiet ugwali bejn dawn li gejjin u cioe`: ohtha Maria armla ta’ Giovanna Agius, il-mara ta’ huha Marianna armla ta’ Luigi Agius, ulied huha Luigi Agius li huma Amabile, Giuseppe, Francis, Louis, Maria, Fiona, Emanuela mart Fortunato Galea, Teresa mart Pawlu Pace u Antonia mart Spiro Buttigieg kif ukoll liz-zewg ulied ohtha Maria Agius li huma Giuseppa mart Antonio Zahra u Flora xebba, bl-akkrexximent bejn l-istess tlettax il-legatarju f’kaz ta’ premorcenza ghal xi wiehed jew wahda minnhom ghat-testatrici.”

Irrizulta li l-atturi ppruvaw li jaslu mal-partijiet l-ohra biex jiehdu dak li gie mholli lilhom bit-testment izda ma waslux. F’kull kaz huma ddikjaraw li lesti jassumu l-ispejjez relattivi huma. Ghalhekk talbu lill-konvenuti bhala werrieta sabiex jghaddu ghall-immissjoni fil-pussess favur ta’ l-atturi ta’ l-oggetti mobbli u cioe` tal-flus depozitati f’Banek u / jew investiti b’mod iehor u dana f’porzjonijiet ugwali bejn l-istess atturi, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti. Fil-fehma tal-Qorti din it-talba hi gustifikata.

**E: KONKLUZJONIJIET:**

Peress li t-talba attrici hija gustifikata, il-Qorti tordna lill-konvenuti jqieghdu fil-pussess lill-atturi fil-legat lilhom imholli; u tinnomina lil Dr. Maria Spiteri bhala Nutar Pubbliku biex tippubblika l-att relattiv u opportun *oltre* lil Dr. Abigail Critien bhala Kuratrici ghall-eventwali kontumaci.

L-att ghandu jigi pubblikat fi zmien xahrejn mil-lum.

Spejjez ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------